# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 13 ta' Gunju 2017**

**Numru 1**

**Rikors Numru: 223/17 JPG**

**Angelo Frank Paul Spiteri**

**v.**

**L-Avukat Generali**

Dan hu provvediment moghti fuq rikors prezentat mill-attur fis-26 ta' Mejju 2017 li permezz tieghu l-attur qed jitlob, in vista ta' dak deciz mill-ewwel Qorti fis-sentenza moghtija fit-18 ta' Mejju 2017, l-iskarcerazzjoni immedjata tieghu pendenti dawn il-proceduri, u dan sabiex jigi evitat ksur ulterjuri tad-dritt fundamentali ghal-liberta` tieghu.

L-intimat minn naha tieghu pprezenta risposta li permezz taghha qed jopponi ghat-talba tal-attur, ghar-ragunijiet indikati minnu fl-istess risposta.

Permezz tas-sentenza fuq indikata l-ewwel Qorti ddecidiet li l-enforzar tal-ordni ta’ estradizzjoni lejn il-Litwanja fil-konfront tal-attur huwa leziv tad-dritt fundamentali tieghu protett bl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni] u - filwaqt li ddikjarat li s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **The Police v. Angelo Frank Spiteri** fis-17 ta’ Frar 2016 u s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati [Malta] bhala Qorti Rimandanti fil-15 ta’ Jannar 2016, huma wkoll lezivi tal-artikolu precitat fil-konfront tieghu, liema sentenzi kienu wasslu ghall-ordni ta’ kustodja - ordnat li dawn is-sentenzi jigu mhassra.

Fis-succint l-attur qed jibbaza t-talba tieghu fuq is-sottomissjonijiet segwenti.

L-attur jibda biex jaghmel referenza ghat-talba maghmula minnu ghall-ghoti ta’ mizurza provvizorja li tordna l-helsien tieghu mill-arrest, fil-kawza numru 45/2017LSO, liema talba kienet giet milqugha mill-Qorti ta’ prim istanza permezz ta’ digriet moghti fil-21 ta’ Gunju 2016 li pero` kien gie revokat minn din il-Qorti permezz ta’ decizjoni moghtija fid-9 ta’ Jannar 2017.

Huwa jsostni li wara l-ghoti tas-sentenza tad-9 ta' Jannar 2017 fil-kawza fuq imsemmija, kien hemm bidla notevoli fic-cirkostanzi tieghu, fis-sens li t-talbiet tieghu m'ghadhomx aktar *in vacuo* izda gew imsahha bis-sentenza tat-18 ta' Mejju 2017 li ddikjarat li t-treggigh lura tieghu lejn il-Litwanja tkun leziva tad-dritt tieghu protett bl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u wkoll hassret is-sentenzi tal-qrati kriminali.

L-attur ikompli jispjega li, ghalkemm huwa minnu li issa hemm appell mis-sentenza tat-18 ta' Mejju 2017, gjaladraba il-Qorti gia tat decizjoni li taffettwa d-dritt fundamentali ghall-liberta` u, minhabba li ma jista' jkun hemm ebda rimedju ghal zmien mitluf minhabba detenzjoni, f'dawn ic-cirkostanzi u fid-dawl tal-grusiprudenza tal-Qorti Ewropea indikata minnu, it-talba tieghu ghall-helsien mill-arrest permezz ta' rimedju provvizorju hi wahda kawta, ragjonevoli u issustanzjata minn provi cari tal-imgieba tieghu fiz-zmien meta kien inghata l-helsien mill-arrest u ghalhekk, tenut kont tal-fatt li l-liberta` hija r-regola u nuqqas taghha huwa l-eccezzjoni, it-talba tieghu ghandha tigi accettata.

L-intimat minn naha tieghu jirribatti bil-mod segwenti.

*Ex admissis* t-talba avvanzata fir-rikors tmur kontra pronunzjament car f'kawza bejn l-istess partijiet moghti fuq *'eadem res'* u *'eadem causa petendi'* ta' din il-Qorti tad-9 ta' Jannar 2017; illi s-sentenza tat-18 ta'

Mejju 2017 li fuqha r-rikorrent jibbaza l-pretensjoni tieghu mhijiex wahda finali u ghad tista' tigi appellata[1]; illi kif deciz mill-Qorti tal-Magistrati [Malta], id-detenzjoni tal-attur ma tikkostitwixxix arrest illegali; illi d-detenzjoni tal-attur hija wahda legali; illi ma hemm xejn x'jigi ezegwit provvizorjament; u li fil-konfront tal-attur ghadu fis-sehh Mandat ta' Arrest Ewropew.

Din il-Qorti tosserva li, minkejja li l-attur qed isostni li wara s-sentenza moghtija fit-18 ta' Mejju 2017, ic-cirkostanzi tbiddlu notevolament, dak li diga` gie deciz minn din il-Qorti fil-kawza 45/16LSO fid-9 ta' Jannar 2017 ghadu validu u japplika anke ghat-talba maghmula mill-attur fir-rikors odjern. Kemm it-talba ghall-interim measure maghmula minnu f'dik il-kawza kif ukoll it-talba ghall-interim measure maghmula f'din il-kawza, huma talbiet sabiex l-attur jinheles mid-detenzjoni pendenti l-proceduri u huma bazati fuq l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni.

Iz-zewg proceduri kostituzzjonali gabu maghhom l-effett legali li ssospendew l-ordni tal-estradizzjoni mahruga mill-qrati kriminali fil-konfront tal-attur u ghalhekk, pendenti dawn il-proceduri, ma hemmx il-possibilita' li jigi vjolat l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni li fuqu hija bazata il-kawza odjerna peress li fil-pendenza tal-istess proceduri r-rikorrent ma jistax jintbaghat il-Litwanja.

---

[1] Di fatti dik is-sentenza giet appellata

Ghalhekk din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula minnha fid-digriet taghha tad-9 ta' Jannar 2017 moghti fil-kawza 45/16LSO, qed tirriproduci bran minn dak id-digriet li huwa ferm pertinenti ghall-vertenza in dizamina:

> "29. Fil-kaz odjern, ma jirrizultax li d-detenzjoni ma saritx "in good faith" tenut kont tal-fatt li mill-atti jirrizulta pacifiku li d-detenzjoni tar-rikorrent saret bil-ghan li dan jigi estradit lejn u fuq rikjesta ta' pajjiz ewropej iehor sabiex jghaddi proceduri kriminali f' dak il-pajjiz. Jirrizulta wkoll manifest li l-proceduri ta' estradizzjoni quddiem il-qrati kriminali lokali ma ttawlux bla bzonn, anzi jinghad li dawk il-proceduri gew trattati b' mod spedit u konkluzi fi zmien qasir, u ghalhekk ma jistax jinghad li l-perijodu tad-detenzjoni sakemm ir-rikorrent jigi estradit, qed jitwal bla bzonn minn naha tal-iStat. Minn barra dan, jigi osservat li ma jirrizultax u ma sar ebda ilment da parti tar-rikorrenti li l-post u l-kondizzjonijiet tad-detenzjoni mhumiex "appropriate". Ghaldaqstant id-detenzjoni tar-rikorrent f' dan l-istadju ma tistax titqies bhala wahda arbitrarja u, ghalhekk vjolattiva tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni, fid-dawl tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja u, il-fatt li hu ghazel li b' applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kap.276[2] jistitwixxi l-proceduri odjerni ma jimmilitax kontra din il-konkluzjoni tenut kont tal-fatt li ma jirrizultax li dawn qed jitwalu bla bzonn."

Ghaldaqstant it-talba tal-attur mhijiex gustifikata la fil-fatt u lanqas fid-dritt u qed tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess attur.

| Silvio Camilleri | Giannino Caruana Demajo | Noel Cuschieri |
|---|---|---|
| Prim Imhallef | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
df

[2] Supra